



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14621/23

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0367(BUD)**

---

---

FIN 1090

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:                   Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni  
Ewropea għas-sena finanzjarja 2023**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>1</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2023 ġie adottat definittivament fit-23 ta' Novembru 2022<sup>2</sup>;
- fil-11 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2023;

---

<sup>1</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 58, 23.2.2023, p. 1.

- bil-ħsieb ta' adozzjoni f'waqtha mill-Parlament Ewropew ta' dan l-abbozz ta' baġit emendatorju qabel tmiem is-sena finanzjarja 2023, il-Kunsill jeħtieġ li jipproċedi mingħajr dewmien bl-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għall-baġit ġenerali għall-2023. Għaldaqstant, hu ġustifikat li tiġi prevista eċċezzjoni mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 ġiet adottata fid-9 ta' Novembru 2023.

It-test sħiħ<sup>1</sup> huwa disponibbli għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil mis-sit web tal-Kunsill:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/public-register/public-register-search/>.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

---

<sup>1</sup> Dokument 14622/23 + ADD 1.